**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 307/19 CZ**

**GO p.l.c. (C 22334)**

**vs.**

**Schmidt Jasinskis Tobias Bulow**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-14 t'Ottubru 2019 fejn premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,682.58) in kwantu ghal ef, tliet mija u hamsa u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€1,385.15) in konnessjoni ma'

servizzi migbura fil-kont bin-numru 40609361 u mitejn u sebgha u disghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€297.43) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40591478.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-riferenza 1557/17, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta'

attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,682.58) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur